V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8630 — Blackstone/MassMutual/Cambourne/Rothesay)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 305/10)

1. Fit-8 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cambourne Life Investment Pte Ltd (Singapore) ikkontrollata minn GIC Pte Ltd,

— Massachusetts Mutual Life Insurance Company (l-Istati Uniti),

— Rothesay HoldCo UK Ltd (ir-Renju Unit).

Cambourne Life Investment Pte Ltd ("Cambourne") u Massachusetts Mutual Life Insurance Company ("MassMutual") jakkwistaw fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Rothesay HoldCo UK Ltd (ir-Renju Unit ("Rothesay"), fejn il-Blackstone Group LP ("Blackstone") diġà huwa azzjonist kontrollanti. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Blackstone: l-immaniġjar tal-assi,

— għal Cambourne: Kumpanija fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata minn GIC Pte Ltd, kumpanija globali tal-ġestjoni tal-investiment.

— għal MassMutual: assigurazzjoni tal-ħajja, prodotti għall-irturar u l-investiment, attiva primarjament fl-Istat Uniti,

— għal Rothesay: L-assigurazzjoni, iffukata primarjament fuq trasferimenti ta' riskju fuq il-pensjonijiet b'benefiċċju definit fi ħdan ir-Renju Unit. Rothesay toffri firxa ta' prodotti, inklużi (i) soluzzjonijiet ta' bejgħ tal-assigurazzjoni, (ii) soluzzjonijiet ta' xiri tal-assigurazzjoni, u (iii) u swaps tal-għomor.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8630 — Blackstone/MassMutual/Cambourne/Rothesay

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË